**San Ġużepp tas-Saqqaja**

**L-ewwel kappella ddedikata lill-qaddis Malta kienet f'Għawdex**

*Kitba ta' Monsinjur Joseph Bezzina*

L-eqdem knisja ddedikata lil San Ġużepp fil-gżejjer Maltin inbniet lejn is-sena 1580 fil-gżira ta' Għawdex. Dan jirriżulta mir-riċerki li saru s'issa *u f'din il-kitba dan il-fatt qiegħed jiġi rrivelat għall-ewwel darba.*

## 1 • Il-bidu tal-kult lil San Ġużepp

L-għeruq tal-kult lejn San Ġużepp, l-istess bħal kult lejn il-Madonna, beda fil-Lvant. Ir-raġuni ta' dan kien il-fatt li l-maġġuranza tal-Insara fl-ewwel sekli kien fil-Lvant.

Forza ewlenija fit-tkabbir tal-kult kien ktieb apokrifu li jġib it-titlu *Storja ta' San Ġużepp il-mastrudaxxa*. Ktieb apokrifu jirreferi għal kitba li l-kittieb tagħha jxerridha bħala ktieb bibbliku, meta fil-fatt ma tkunx hekk. Dawn il-kotba, li huma ħafna, kienu jipprovaw jimlew il-vojt fuq persunaġġi bibbliċi li l-Kotba tal-Ġdid Testment qajla jiktbu fuqhom – fosthom San Ġużepp.

Intant dan il-ktieb apokrifu wassal biex bdiet devozzjoni speċjali lejn San Ġuzepp fil-Knisja tal-Kopti Monofiżiti fl-Eġittu. Il-kitbiet li waslulna minn din il-Knisja juri devozzjoni profonda lejn il-qaddis fost il-Kopti. Kienu jfakkruh fl-20 ta' Lulju. Sas-seklu għaxra id-devozzjoni kienet xterdet mal-Knisja tal-Lvant kollha kif tixhed kitba tas-seklu għaxra mill-monasteru Palestinjan ta' Santa Saba.

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp fil-Punent hi dokumentata għall-ewwel darba f'dokument tas-seklu tmienja ntitolat *Joseph sponsus Mariae*. Id-dokument lil fih tinsab din ir-riferenza hu speċi ta' kalendarju Liturġiku li nħoloq fl-Abazzija Benedittina ta' Rheinau, Canton ta' Zurich, l-Isvizzera. Illum hu mħares fil-

Biblioteka Ċentrali ta' Zurich. Id-dokument jixhed li bdiet isir tifkira ta' San Ġużepp fl-20 ta' Marzu.

L-ewwel kalendarji liturġiki li jsemmu l-festa tiegħu fis-19 ta' Marzu huma tas-seklu għaxra. Il-festa hi mniżżla bħala *In Bethlehem, sancti Joseph… nutritoris Domini*. Hekk, per eżempju, il-kalendarju ta' Saint-Rémi de Reims, Franza.

Storja twila u interessanti li ma tajtx għajr il-ħjiel tagħha.

## 2 • Il-festa minn Ruma tasal Malta

Il-festa ngħatat spinta kbira 'l quddiem mill-Papa Sistu IV, Franġiskan, meta fis-sena 1479, daħħal il-festa ta' San Ġużepp Ruma u kienet titfakkar nhar id-19 ta' Marzu.

Il-Franġiskani kien ilhom li bdew jiċċelebraw il-festa ta' San Ġużepp mis-sena 1399, b'deċiżżjoni meħduda fil-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni li sar dik is-sena. Fl-1479, il-Papa Sistu IV, wara talba li saritlu mill-Franġiskani Minuri, approva quddiesa f'ġieħ il-qaddis. Fl-ewwel snin, din il-quddiesa kienet tiġi ċċelebrata Ruma biss, iżda l-Franġiskani ma damux ma xerduha kull fejn kienu jinsabu fosthom f'Malta.

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Malta kienet xterdet sewwa għoxrin sena wara t-twaqqif tal-festa Ruma. Fil-bidu tas-seklu sittax, il-festa ngħatat imbuttatura 'l quddiem f'Ġunju 1508. F'laqgħa tal-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina, il-Kanonċi, bi qbil mal-ġurati tal-Università ta' Malta, qattgħuha li jibdew jiċċellebraw il-festa tiegħu b'mod solenni. Għal dan il-għan, huma ddikjaraw id-19 ta' Marzu bħala festa pubblika.

Hu possibli li twaqqif tal-ewwel fratellanza ta' San Ġużepp hi marbuta ma' din id-deċiżżjoni. Nafu żgur li fis-sena 1508, kienet twaqqfet *il-Fratellanza ta' San Ġużepp* fir-Rabat tal-Imdina. Mhux kumbinazzjoni, twaqqfet b'rabta mal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Franġiskani Osservanti jew Minuri. Hi ħaġa minn

awl id-dinja li f'qasir żmien kien ordnat inkwatru ta' San Ġużepp u ddendel f'waħda mill-kappelli tal-knisja. Madankollu dan l-inkwatru mhux dokumentat daqstant bikri.

## 3 • Tinxtered id-devozzjoni f'Malta u Għawdex

It-twaqqif tal-festa mill-Kapitlu Katidrali, l-għarfien tagħha bħala festa pubblika mill-Università, u t-twaqqif tal-Fratellanza, għenu bis-sħiħ biex id-devozzjoni lejn il-qaddis tibda bil-mod il-mod tinfirex ma' Malta u Għawdex.

Il-kult daħal fil-knejjes ta' Malta b'rabta ma' xi inkwatri ta' artali fejn San Ġużepp kien jidher mal-Madonna jew ma' qaddisin oħra. Dan nafuh mir-rapporti tal-viżti pastorali li saru fis-seklu sittax.

Fost l-ewwel li jissemmew hu inkwatru b'San Ġużepp ma' qaddisin oħra fuq artal fuq il-lemin tal-bieb ewlieni tal-Parroċċa tal-Birgu fis-sena 1575. Marbuta ma' dan l-artal kien hemm imwaqqfa Fratellanza oħra f'ġieħ il-qaddis. Din ma kinitx ilha wieqfa iktar minn sentejn. Skont ir-rapport tal-viżta ta' Pietro Dusina tas-sena 1575, din twaqqfet bil-kunsens tal-Isqof Martin Royas li kien laħaq isqof ta' Malta fis-sena 1572.

Fis-sena 1588, San Ġużepp kien jidher b'mod prominenti fl-inkwatru tal-kappella fuq il-lemin tal-artal maġġur f'Ħ'Attard. Kien jidher flimkien mal-Bambin Ġesù f'inkwatru fil-kappella fuq il-lemin tal-artal maġġur fil-Parroċċa tal-Isla fis-sena 1594. Fl-istess sena, San Ġuzepp kien jidher b'mod prominenti f'inkwatru tal-Assunzjoni tal-Madonna fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-istess knisja kien jidher ukoll fl-inkwatru tal-artal iddedkat lill-Purifikazzjoni tal-Madonna fit-Tempju, il-Gandlora. Fis-sena 1601, kien jidher fl-inkwatru titulari tal-kappella ta' Santa Marija tal-Qortin, fil-kampanja ta' Birkirkara, kappella ddedikata lin-Natività tal-Madonna.

## 4 • Id-devozzjoni f’Għawdex

Nhar it-13 ta’ Frar 1575, Monsinjur Pietro Dusina beda viżta appostolika Għawdex. San Ġużepp ma jissemma mkien fir-rapport ta’ din il-viżta.

Id-devozzjoni lejn il-qaddis aktarx li bdiet Għawdex fl-istess żmien li bdiet Malta kif ġara fil-każ ta’ devozzjonijiet oħra. Hekk il-Fratellanza tas-Sagrament fil-Knisja Matriċi, illum il-Katidral, hi dokumentata fis-sena 1545 fl-istess sena li hi dokumentata Malta għall-ewwel darba. Ġara iżda li f’Lulju 1551, Għawdex sofra l-agħar assedju fl-istorja tiegħu u l-popolazzjoni ta’ madwar ħamest elef ruħ kienet imkaxkra fil-jasar. Ma’ dawn l-eluf tal-Għawdxin li mietu fil-jasar, vittmi ta’ Dragut, mietu wkoll ħafna mid-devozzjoni u d-drawwiet tal-Għawdxin. Nobsor li kien għalhekk li Dusina ma sab ebda ħjiel ta’ devozzjoni lejn San Ġużepp f’Għawdex fis-sena 1575.

Iżda d-devozzjoni lejn San Ġużepp ma damitx ma tnisslet mill-ġdid u tnisslet bil-kbir. Fil-11 ta’ Awwissu 1578, Fra Tumas Gargallo laħaq isqof ta’ Malta u Għawdex. Għamel ħiltu biex il-ħajja tal-knisja f’Għawdex terġa tieħu r-ruħ. F’April 1587, l-Isqof bagħat lill-Kanonku Nicholaus Burlò, il-Vigarju Ġenerali, biex jagħmel viżta Għawdex u jifli s-sitwazzjoni tal-knisja fil-gżira.

Hu proprju fir-rapport tiegħu li tissemma għall-ewwel darba kappella ddedikata lil San Ġużepp – l-ewwel knisja f’ġieħu Malta u Għawdex. Hu jsejjaħ din il-kappella bħala *Ta’ San Ġużepp*.

## 5 • San Ġużepp tas-Saqqaja

Kienet *ecclesia parvula*, kappella żgħira, u jidher li fis-sena 1587 kienet ilha wieqfa xi snin għax ma tantx kienet f’kundizzjoni tajba. Kienet bla rettur, iżda kellha xi dħul.

Il-fundatur tagħha kien wisq probbabli Salvatore Baglio. Dan jirriżulta mill-fatt

li fit-testment tiegħu magħmul għand in-Nutar Tommaso Gauci – li ħadem Għawdex bejn l-1557 u l-1616 – hu ħalla proprjetà biex mid-dħul tagħha issir quddiesa f'din il-kappella kull nhar ta' Ħamis. Din it-tagħrifa toħroġ minn rapporti posterjuri.

Dun Antonio Dalli, li kellu zijuh qassis il-Matriċi jismu bħalu, offra minn rajh li kien lest jibda jieħu ħsiebha hu. Hu kien ordnat qassis fl-20 ta' Diċembru 1578 meta kien ġa jgawdi numri ta' benefizzji. Il-Vigarju aċċetta u ħatru rettur bl-obbligu li jipprovdi lill-knisja dak kollu li kien meħtieġ.

Il-Vigarju Ġenerali żar din il-kappella wara li żar dik tal-Annunzjazzjoni tal-anġlu Gabriel lil Marija Verġni fil-ħâra Tas-Saqqajja. Tas-Saqqajja illum hu magħruf bħala wied il-Lunzjata, proprju mit-titular ta' din il-kappella medjevali. Ir-rapport tal-vista igħid ċar u tond li din il-kappella żgħira ta' San Ġużepp kienet *iuxtam dictam ecclesiam Annunciationis*, maġenb jew qrib il-kappella tal-Lunzjata. U fir-rapport tas-sena 1592, tniżżel li kienet *vicinam praedictae Annunciationis*, qrib dik tal-Annunzjazzjoni.

Hemm għaldaqstant dubju fejn kienet sewwa din il-kappella. Fir-rapporti tal-ewwel żewġ visti pastorali li jsemmu din il-kappella ta' San Ġużepp – dak tas-sena 1587, kif ukoll dak tas-sena 1592 – tissemma biss il-ħâra Tas-Saqqajja. Din l-ewwel kappella ta' San Ġużepp kienet għalhekk ximkien f'dik il-ħâra.

Ir-rapport jemfasizza li kienet kappella żgħira. Hu possibli li din kienet isserraħ mal-knisja tal-Lunzjata, possibilment flok jew lilhinn mis-sagristija tal-binja preżenti. Kienet drawwa mxerrda li jibnu kappella sserraħ ma' oħra – f'dan il-każ kappella żgħira f'ġieħ San Ġużepp isserraħ ma kappella kemmxejn ikbar iddedikata lil martu Marija.

Kien hemm min kiteb, fosthom l-istoriku GPF Agius De Soldanis, li din kienet fl-inħawi ta' Għar Gerduf fejn kien hemm wieqfa l-kappella votiva tal-Papa San Girgor il-Kbir. Għar Gerduf kien qabel id-daħla tas-Saqqajja, illum salib it-toroq

bejn ir-Rabat u t-telgħa lejn Ta' Kerċem. L-ewwel żewġ riferenzi għall-kappella ta' San Ġużepp ma jindikawx hekk.

### 6 • Konklużjoni

Fis-sena 1621, il-Papa Girgor XV estenda ċ-ċelebrazzjoni tad-19 ta' Marzu li kienet issir f'Ruma għall-Knisja kollha.

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp, ir-raġel tal-Madonna, kompliet tikber u tissaħħah ma dik tal-Madonna u għamlet pass kbir 'il quddiem meta nhar it-8 ta' Diċembru 1870, mija u ħamsin sena ilu, il-Papa il-Beatu Piju IX iddikjara 'l San Ġużepp patrun tal-Knisja Universali.

Nhar it-8 ta' Diċembru, Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija, tas-sena 2020, il-Papa Franġisku nieda l-Ittra Apposolika *Patris Corde,* **B'qalb ta' Missier** – ittra miktuba fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju mid-dikjarazzjoni ta' Piju IX. U d-devozzjoni lejn dan il-qaddis, ankrata fil-qlub tal-Qalin, tkompli tissaħħah.